KLR28/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 18 ta' Frar 2014 fil-17.30.

PREŻENTI: Il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi u l-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

Intqalet it-talba.

**1. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2014**

Sakemm ġiet diskussa din il-materja l-Accountant John Buttiġieġ, ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-*Financial Statements* għas- sena 2014. Dawn ġew approvati sabiex jintbagħtu lin-*National Audit Office*. Kopja tagħhom tinsab f'dokument A.

**2. Materji oħra**

2.1 Wara li l-Kunsill ħareġ avviż għas-sottomissjonijiet t'interess għal-servizz ta' traduzzjoni għall-*braille* u xiri ta' sinjali bil-*braille*, l-unika offerta li rċieva l-Kunsill, qabżet il-fondi allokati. Wara li saru l-konsultazzjoni mal-awtorita' responsabbli mill-proġett - ERDF249 (PPCD), il-parir kien li din l-offerta tiġi kkanċellata u ssir iżjed riċerka fis-suq sabiex jiġi identifikat fornitur bl-iżjed mod kompetittiv u trasparenti possibli.

Għalhekk wara li tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' l-imessmija offerta (anness f'dokument B), il-membri preżenti qablu li l-unika offerta sottomessa taħt l-avviż għall-*Provision of Braille transcription services and the engraving of Braille tactile signs* li kienet tagħlaq it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2014, ma tiġix aċċettata.

2.2 Rigward is-sejħa għall-kwotazzjoni 10/14 - *for the production, design and printing of a booklet – Project ERDF249*, peress li din kienet l-unika offerta sottomessa u ma laħqitx il-kriterji stabiliti, din il-kwotazzjoni qed tiġi ikkanċellata.

2.3 Tressqet talba mingħand Ruth Frau sabiex issir *Luna Park* fil-grawnd Leli Farruġia bejn il-15 ta' Marzu u l-15 t'April 2015. Intbagħtet ukoll kopja tan-*no objection* tal-Ministeru għal Għawdex u ta' *Transport Malta*. Il-membri qablu li kif isir is-soltu, l-applikanta għandha iġġib il-kunsens tat-tlett klabbs tal-futbol tar-Rabat.

Il-laqgħa spiċċat fis-17.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 9 t'April 2015 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |